MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Numru 443/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jason Francis Sultana]**

**vs**

**Joseph Caruana**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Joseph Caruana ta’ 34 sena bin Carmelo u Mary Anne nee’ Attard, imwieled Pieta’ fil-15 ta’ Mejju, 1979, residenti gewwa l-fond numru 18

Triq l-Immakulata Kuncizzjoni Gzira u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 240579(M) akkuzat:

1 Talli fis-26 t’ April, 2014 gewwa Whitehall Mansions, Triq Luqa Briffa, Gzira, ghal habta ta’ 13:50pm, ikkommetta serq ta’ diversi laned taz-zebgha u oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta’ Carl Camilleri detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 550081M u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

2 U aktar talli f’ Malta xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b’ kull mod li kien indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjez li kellhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 4 ta’ Dicembru 2014 (inserita a fol. 131 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija (jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Fl-artikoli 261(c) (e), 267, 269(g), 279(a), 280(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Fl-artikoli 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Fl-artikoli 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-5 ta' Dicembru, 2014 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kaz jirrigwardaw serq ta' diversi laned taz-zebgha (hamsa), u mixer taz-zebgha u pipe tal-ilma li sehh fis-22 u t-23 ta April 2014 minn Whitehall Mansions, Triq Luqa Briffa, Gzira fejn il-valur tal-laned taz-zebgha u l-oggetti l-ohra misruqa gie indikat li kien ta' €248[1] u sar ghad-detriment tal-proprjetarju tal-fond Carl Camilleri. Mill-provi rrizulta li kienu qed isiru xi xogholijiet fil-fond in kwistjoni u li l-haddiema hallew xi affarijiet fil-parapett tal-istess fond Peress li kien hemm CCTV cameras fil-fond il-Pulizija setghu jaraw il-filmat (Dok. AD4 a fol 29) u waslu sabiex jidentifikaw lil-imputat bhala l-persuna li effetwa s-serqa in dizamina.

[1] Vide ricevuti nseriti a fol. 26 sa 28 tal-atti processwali.

L-imputat Joseph Caruana ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-22 ta' Jannar 2015 fejn sostna li huwa kien ghaddej bil-mixi minn hdejn il-fond in dizamina u fil-parapett innota dak li huwa ddeskriva bhala 'rubbish' u tlett bramel taz-zebgha u pipe tal-ilma u huwa ddecida li jehodhom. Huwa qal li l-laned taz-zebgha kienu miftuhin u forsi kien hemm zewg litri zebgha fihom. Huwa qal ukoll li skond hu dawn il-laned ma kellhomx valur ghaliex kienu miftuhin u spjega li kien irritornahom lill-Pulizija meta kkomunika mieghu l-Ufficjal Prosekutur f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti processwali jirrizulta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova minghajr ombra ta' dubju li l-imputat kien il-persuna li effetwa s-serq tal-laned ta-zebgha u l-oggetti l-ohra ndikati mid-derubat. Dan jirrizulta mill-filmat tac-CCTV cameras (Dok. AD4 u mill-istills relattivi li saru mill-espert nominat mill-Qorti (vide rapport inserit a fol. 34 et sequitur tal-atti processwali). Mill-istess rapport jidher car li l-imputat dahal fil-parapett ta' propjeta' privata minn fejn ha l-oggetti indikati. Ghalkemm jidher li ma kienx hemm grada fil-parapett jidher ukoll li l-oggetti mehuda mill-imputat kienu fil-parapett u mhux fuq il-bankina u l-Qorti ghalhekk jidrilha li l-imputat qatt ma seta' jahseb li dawn l-oggetti kienu mormija kif qed isostni hu. Mic-CCTV recordings jirrizulta car li kienu ghadhom qed isiru xogholijiet fil-fond u ghalhekk l-oggetti li kien hemm fil-parapett

kienu qed jintuzaw sabiex isiru dawn ix-xogholijiet u ma setghux jitqiesu li kienu mormijin.

Illi d-Difiza qed issostni li l-aggravju tal-valur ma jirrizultax pruvat ghaliex il-Prosekuzzjoni gabet il-prova tal-valur tal-laned taz-zebgha meta dawn inxtraw godda mentri meta dawn ittiehdu kienu miftuhin u parzjalment uzati. Il-Qorti jidrilha li d-Difiza ghandha ragun f'dan ir-rigward stante li l-istess derubat Carl Camilleri kkonferma li l-laned taz-zebgha li ttiehdu kienu miftuhin u uzati u ghalhekk il-valur taghhom ma jistax jitqies li kien dak ta' laned godda. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati ta' serq aggravat bil-lok biss (il-parapett kien jifforma parti integrali minn abitazzjoni) izda mhux ta' serq kwalifikat bil-valur.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li r-res furtiva giet ritornata lill-vittma u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-4 ta' Dicembru 2014 u senjatament l-Artikoli 18, 261(e), 269 u 281 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati ital-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu izda kif indikat aktar il-fuq limitatament ghal serq kwalifikat bil-lok izda mhux ghall-kwalifika tal-valur u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn millum. Stante li t-tieni mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat instab

hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ erba’ mija u tmienja u disghin Ewro u erbatax il-Ewro centezmu (€498.14) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’ dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------